**7 ta' Mejju, 1984**

**Imħallfin:-**

**Onor. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Victor Azzopardi għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta Citroen (Malta) Limited

*versus*

Godwin Abela bħala *Managing Director* u in rappreżentanza tad-ditta National Cargo Handling Company Limited

**Danni - Depożitarju - Artikoli 1899 u 1900 tal-Kodiċi Ċivili**

*L-attur aġixxa biex jirkupra danni konsistenti f'telf waqt li karozza kienet fil-pussess u kustodja tal-konvenut.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonferma is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti in kwantu sabet lill-konvenut appellant* nomine *responsabbli għaliex bħala depożitarju tal-karozza kellu l-obbligu li jieħu ħsieb il-karozza daqskemm kien kieku kellu ħaġa tiegħu stess. Ġiet għalhekk ikkonfermata s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur *nomine*, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, premess illi waqt karozza tal-marka Citroen CX 2000 Super,

proprjetà tad-ditta attriċi, kienet fil-pussess u kustodja tad-ditta konvenuta, intilfu ċ-ċwievet ta' l-istess u rappreżentanti tad-ditta attriċi kellhom jaqilgħu il-*windscreen* biex tinfetaħ il-karozza, però ma rnexxilhomx jaqilgħuha sħiħa;

Premess illi l-imsemmija ċwievet intilfu minħabba negliġenza da parti ta' l-impjegati tad-ditta konvenuta u inoltre d-ditta konvenuta kienet aċċettat ir-responsabbilità għad-danni eventwali riżultanti minn dan in-nuqqas; u premess illi d-danni kkaġunati jammontaw għal tnejn u sebgħin lira Maltija u seba' ċenteżmi (Lm72.07,0) u dan skond *invoice* numru 022622 li kopja tiegħu qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata dok. A; talab li l-konvenut *nomine*, prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni li huwa responsabbli għad-danni kkaġunati lid-ditta attriċi fl-inċident imsemmi, jiġi kkundannat li jħallas lill-attur *nomine*, is-somma fuq indikata ta' tnejn u sebgħin lira Maltija u seba' ċenteżmi (Lm72.07,0), bħala l-ammontanti tad-danni kkaġunati fl-inċident imsemmi. Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-21 ta' Marzu, 1978, kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* li biha eċċepixxa li t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fil-liġi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż billi d-danni li għalihom hemm referenza fiċ-ċitazzjoni u li l-attur *nomine* qed jallega li sofra ma ġewx ikkawżati mill-impjegati tas-soċjetà konvenuta;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-22 ta' April, 1980 li biha: (1) iddikjarat lill-konvenut responsabbli għad-danni kkaġunati lid-ditta attriċi fl-inċident imsemmi u (2) ikkundannat lill-konvenut *nomine* li jħallas l-ammont ta' tnejn u sebgħin lira Maltija u seba' ċenteżmi (Lm72.07) bħala danni. l-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut *nomine*, wara li kkunsidrat:

Illi, mill-provi prodotti, jirriżulta li l-karozza tal-marka Citroen CX 2000 Super, għandha *locked steering* u l-ħġieġ tat-twieqi jiġi operat elettrikament. Mill-fatt li l-*isteering* ikun *locked*, jitnissel li l-karozza ma tistax tinsaq u ma tkunx manuvrabbli, jekk ma jkollhiex iċ-ċwievet biex din is-serratura ta' l-*isteering* tiġi miftuħa;

Fil-fatt il-karozza tniżżlet minn fuq il-bastiment bis-sistema tar-*roll on roll off*, u għalhekk kien meħtieġ li jkollha ċ-ċwievet biex tinsaq. Għalhekk il-Qorti taċċetta l-versjoni ta' l-attur, li ċ-ċwievet kienu hemm u ġew maqfula ġol-karozza, u mhux kif iddepona Amabile Bonnici, prodott mill-konvenut, li ċwievet ma kienx hemm;

Jirriżulta *żgur ukoll li* l-karozza ġiet msakkra, u l-attur ma setax jirtira din il-karozza qabel ma jiftaħha. Sabiex isir dan, l-attur kien kostrett jaqla' l-*windscreen*, li inkisret waqt din l-operazzjoni;

Il-Qorti hi sodisfatta li l-impjegati ta' l-attur infurmaw b'dawn *il-fatti lill-impjegati tal*-konvenut *nomine* b'dak li ser jagħmlu u dawn ma ssuġġerew l-ebda alternattiva oħra biex il-karozza tkun tista' tinfetaħ u tiġi misjuqa. Għalhekk, l-ispiża għall-ħsara li ġarrbet għandha tiġi ssopportata mis-soċjetà konvenuta li bħala depożitarja kellha l-obbligu li tieħu kustodja tal-karozza b'mod li rċevitha u li tara li tkun tista' tikkonsenjaha lil sidha. Għalhekk hi tirrisondi għan-*nuqqas li tara li* ċ-ċwievet ma jiġux maqfulin fl-istess karozza;

Dwar id-danni mitluba ta' Lm72.07 ma ingibitx prova kuntrarja;

Rat in-*nota ta' appell tal*-konvenut *nomine* ppreżentata fit-30 ta' April, 1980;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' Godwin Abela bħala *Managing Director* u in rappreżentanza ta' The Cargo Handling Company Limited (qabel National Handling Company Limited) ippreżentata fid-19 ta' Mejju, 1980 li biha, għar-raġunijiet hemm sottomessi, talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza mogħtija fit-22 ta' April, 1980 mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fil-kawża fl-ismijiet premessi u tiċħad it-talbiet attriċi u tilqa' l-eċċezzjoni tal-kumpannija konvenuta appellanti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-kumpannija attriċi appellata;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-attur Victor Azzopardi *nomine* ppreżentata fis-17 ta' Lulju, 1980;

Rat l-atti l-oħra relevanti u opportuni;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Skond il-versjoni ta' l-attur appellat *nomine*, meta l-impjegati tiegħu marru biex jirtiraw mingħand il-konvenut appellant *nomine* l-karozza msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, huma sabu ċ-ċwievet tagħha fl-*ignition hole* iżda l-karozza kienet magħluqa. Billi t-twieqi kienu jaħdmu bl-elettriku, ġie deċiż (dejjem skond l-attur appellat *nomine*) li l-aħjar mod biex jiftħu l-karozza kien li jinqala l-*windscreen* billi jelevawha minn fejn hemm il-lastiku, iżda waqt li kien qed isir dan, *il-windscreen* ixxaqqet u ġratilha l-ħsara. Din hija appuntu l-ħsara li qiegħda tiġi rreklamata mill-attur appellat *nomine*. Min-naħa tiegħu l-konvenut appellant *nomine* qed isostni li l-karozza kienet niżlet minn abbord mingħajr ċwievet, ma kinitx magħluqa u wara nstabet imsakkra;

Ikkunsidrat:

Minn eżami tal-provi, il-Qorti hija sodisfatta, kif kienet sodisfatta l-Ewwel Qorti, li l-karozza in kwistjoni, li għandha *locked steering*, bilfors kellha ċ-ċwievet biex tniżżlet minn fuq il-bastiment bis-sistema tar-*roll on roll off*. Dawn iċ-ċwievet fil-fatt kienu fl-*ignition hole* tal-karozza meta din in segwitu nstabet magħluqa;

Skond Amabile Bonnici, xhud prodott mill-konvenut appellant *nomine*, il-karozza ma kinitx magħluqa u huwa ta' istruzzjonijiet li ma jippruvawx isakkruha b'xi mod. Iżda, in segwitu - u fuq dan ma hemmx kuntrast bejn il-kontendenti - il-karozza nstabet magħluqa biċ-ċwievet ġewwa l-*ignition hole*;

Il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut appellant *nomine* kien responsabbli għal dan il-fatt. Bħala depożitarju tal-karozza hu kellu, skond l-artikolu 2001 tal-Kodiċi Ċivili, l-obbligu li jieħu ħsieb ħaġa tiegħu stess. Anzi, skond l-artikolu 2002 ta' l-istess Kodiċi, billi l-konvenut appellant *nomine* kien qed jiġi mħallas għax-xogħol tiegħu, huwa kien obbligat juża d-diliġenza ta' *missier tajjeb tal-familja*;

Il-Qorti għalhekk tirritjeni li ma kienx biżżejjed li mpjegat tal-konvenut appellant *nomine* - bħalma huwa Amabile Bonnici - jagħti struzzjonijiet biex l-impjegati ma jippruvawx isakkru l-karozza b'xi mod, kif qed jiġi pretiż fil-petizzjoni ta' l-appell; imma *kien jeħtieġ li l-konvenut* appellant *nomine* jieħu ħsieb *li* l-karozza ma tissakkarx minn ħadd, ikun min ikun, u aktar u aktar ma tissakkarx biċ-ċwievet ġewwa billi, okkorrendo, jieħu ħsieb li jalloka nies biex jissorveljawha. Il-konvenut appellant *nomine* naqas f'dan id-dover tiegħu mpost lilu mil-liġi u għalhekk kien negliġenti u kwindi responsabbli għall-konsegwenzi taċ-ċirkostanza li l-karozza ingħalqet biċ-ċwievet ġewwa;

Il-Qorti hija sodisfatta ukoll li l-konvenut appellant *nomine* aċċetta li l-karozza tinfetaħ billi jinqala l-*windscreen* tagħha u għalhekk aċċetta ukoll li jkun responsabbli għal ħsara li setgħet tiġri. Dan qalu x-xhud Francis Mifsud (fol. 17) li xehed li Spiro Attard, il-*Quay Superintendent*, aċċetta li jidħol responsabbli għall-ħsara li setgħet tiġri, kif ukoll ix-xhud Lino Gerada (fol. 22) li xehed li meta qalu lil Attard li l-uniku mod li jiftħu l-karozza kien li jippruvaw jaqilgħu l-*windscreen* bil-possibbilità però li din tinkiser, Attard weġibhom li ma setax isir mod ieħor għaliex il-karozza bilfors kellha titneħħa minn fejn kienet. L-istess Attard jgħid (fol. 31) li kien qallhom biex jaqalgħu l-*windscreen* u jagħmlu minn kollox biex jevitaw il-ħsara għaliex mhix tajba għal ħadd - kliem dawna li, fil-fehma tal-Qorti, juri li Attard, li kien qed jitkellem għall-kumpannija konvenuta, aċċetta r-riskju tal-ksur filwaqt li titneħħa l-*windscreen*;

Fil-fatt, kif juru l-provi, il-*windscreen* inqassmet u kellha tiġi rimpjazzata b'oħra u l-ispiża relattiva kienet tammonta għal tnejn u sebgħin lira Maltija, seba' ċenteżmi (Lm72.07) skond id-dokument A (fol. 4). Il-*quantum* ta' din l-ispiża ma jidhirx li ġie b'xi mod ikkontestat mill-konvenut appellant *nomine*;

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-konvenut appellant *nomine*.

---